# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000**

**Numru 49**

**Citaz. numru 202/96 DS**

Joseph u Teresa mizzewgin Galea
vs
Charles Fenech, personalment u bhala mandatarju ta’ ohtu Lilly Bird, assenti minn dawn il-Gzejjer, u lil Nazzareno u Consiglia mizzewgin Fenech

Illum, 19 ta’ Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta’ Jannar 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fis-6 ta' Frar 1994, ghall-habta tal-4.00 p.m., fi Triq Manwel Dimech, Qormi, waqt li l-atturi kienu qed isuqu l-karrozza taghhom tat-tip Mazda 323 numru H-0418, din il-karrozza kienet involuta f'kollizjoni ma' vettura ohra tat-tip Fiat Strada numru T-5086 misjuqa minn Joseph Fenech li miet fl-istess incident;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident u danni persona li soffrew, l-atturi inkorrew hafna spejjes u soffrew danni personali *per durata* kif gie iccertifikat minn specjalisti fil-materja, liema danni personali wasslu ghall-telf ta' qligh da parti tal-atturi;

Illi r-responsabbilita' ta' dan l-incident u l-konsegwenzjali danni li sofrew l-atturi hija tal-konvenuti minhabba n-negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku li wera fis-sewqan tieghu l-awtur taghhom, Joseph Fenech;

Illi l-konvenuti, tramite l-kumpanija assikurattrici tal-awtur taghhom, dahlu fi trattativi ghall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi, izda baqa' ma ntlahaqx ftehim;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li garrbu l-atturi konsegwenza tal-incident in kwistjoni li sehh fis-6 ta' Frar 1994;

2. tillikwida d-danni li sofrew l-atturi konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti dawn id-danni, kemm f'*damnum emergens,* kif ukoll f'*lucrum cessans*, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, u

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Marzu 1995, data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali tat-28 ta' Frar 1995.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Novembru 1994 u tal-Ittra Ufficjali tat-28 ta' Frar 1995 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi dwar l-ewwel talba huma, tramite l-kumpanija assikurattrici tad-decuius, dahlu fi trattativi fit-tul dwar likwidazzjoni ta' danni.

2. Illi, referibbilment ghat-tieni talba, l-atturi ppretendew danni mhux realistici tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

3. Jekk il-Qorti, tillikwida danni, isegwi li dawn iridu jithallsu.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Lulju 1996 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

F'din il-kawza mhijiex qed tigi kontestata r-responsabbilta`. Difatti f'seduta mizmuma fit-18 ta' Dicembru 1996 fir-residenza ta' l-atturi, Dr. Joe Micallef Stafrace rrileva li l-konvenuti mhux jikkontestaw ir-responsabbilta`. Dan jista' wkoll jigi dezunt min-nota ta' l-eccezzjonijiet mnejn huwa evidenti li l-kontestazzjoni tikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni, primarjament it-telf ta' qligh futur (*lucrum cessans*).

Il-kaz jirrisali ghal incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Frar 1994 meta certu Joseph Fenech baqa' diehel bil-karrozza tieghu fuq il-karrozza ta' l-atturi li kienet qed tinsaq mill-attrici u li maghha kien hemm zewgha l-attur. Joseph Fenech miet. L-atturi sofrew diversi griehi li jinsabu elenkati, dawk ta' l-attrici fic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kirurgu Mr. Carmel Sciberras (fol. 6 sa 10) u dawk ta' l-attur fic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kirurgu Mr. Carmel Apap Bologna (fol. 11 u 12). Minn dawn ic-certifikati jirrizulta wkoll li l-attrici ghandha b'konsegwenza ta' l-incident dizabilita` permanenti ta' 70% u l-attur dizabilita` permanenti ta' 5%. Dwar dawn il-percentwali ta' dizabilita` m'hemm l-ebda kontestazzjoni.

**Il-*lucrum cessans* fir-rigward ta' l-attur**

Meta gara l-incident l-attur kellu 74 sena bi dhul ta' Lm2176 fis-sena percepibbli mill-pensjoni tas-sigurta` socjali u mill-British Pensions Office. Ghalkemm huwa xorta se jibqa' jippercepixxi l-pensjoni tieghu, xorta jrid isir kalkolu tat-telf ta' qliegh futur peress li anke jekk wiehed jikkunsidra l-ispejjez zejda li jkollu jaghmel minhabba d-dizabilita` tieghu dawn ifissru qliegh inqas ghalih f'sitwazzjoni fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' att ingust ta' haddiehor mhumiex possibbli.

In vista ta' zidiet annwali li jinghataw, is-somma ta' Lm2176 li huwa dahhal fl-1994 ghandha tizdied b'10% ghal Lm2393.

Dwar il-"multiplier" li ghandu jintuza, l-atturi jissuggerixxu "multiplier" ta' ghaxar snin. Il-Qorti tqis dan gust fic-cirkostanzi meta diga' ghaddew sitt snin mill-incident u llum l-attur diga` ghandu 80 sena. Dan il-"multiplier" iwasslu ghall-eta` ta' 84 sena.

Ghalhekk il-*lucrum cessans* jinhadem hekk:

Lm2,393 x 10 x 5% = Lm1,196.50

Stante li ghaddew sitt snin mill-incident ghandu mbaghad jitnaqqas 5% ghal “lump sum payment”, cioe`:

Lm1,196.50 - Lm59.82 = Lm1,136.68.

**Il-*lucrum cessans* fir-rigward ta’ l-attrici**

Meta gara l-incident l-attrici kellha 61 sena. Hija xehdet li qabel l-incident kienet tiehu hsieb xi flats li kienet tikri fuq “long lets”, tghin lil bintha f’”guest house” u anke taghmilha ta’ sensara. Jidher ukoll li hija kienet thit ghan-nies. Uliedha mill-ewwel zwieg (l-attur huwa t-tieni ragel taghha) xehdu dwar kemm kienet mara attiva. Il-provi fil-fatt jindikaw li l-attrici kienet mara energetika qabel l-incident u spiccat, kif tixhed hi stess, ma tistax timxi u f’”wheelchair”. Illum hi u zewgha jinsabu residenti fid-Dar ta’ l-Anzjani l-Imtarfa.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom l-atturi ssottomettew li l-kumpens lill-attrici ghandu jigi kalkolat fuq bazi ta’ Lm5000 fis-sena u tintuza “multiplier” ta’ 19.

Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li mara tad-dar hi intitolata ghal kumpens (“Carmelo Zammit et vs George Bezzina et”, Qorti ta’ l-Appell, 19 ta’ Settembru 1973; “Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et”, Qorti ta’ l-Appell, 16 ta’ Jannar 1984). U fil-kawza fl-ismijiet “Elizabeth Grech et vs Mario Briffa” deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta’ Frar 1997 (Citaz. Nru. 93/94 GCD), intqal li *“billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali”*, principju li gie segwit ukoll fil-kawza fl-ismijiet “Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit” deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta’ Marzu 1999 (Citaz. Nru. 1286/93 NA). Issa kieku wiehed kellu jikkonsidra l-paga minima nazzjonali odjerna, skond l-Avviz Legali Nru. 220 ta’ l-1999, din hija Lm48.38 fil-gimgha, cioe` Lm2516 fis-sena. U kieku wiehed kellu jikkunsidra zidiet ohrajn li jinghataw ‘il quddiem, u fuq l-iskorta ta’ l-ahhar sentenza kwotata, jekk din il-figura tizdied b’hamsa fil-mija (5%) iggib Lm2641.

Il-konvenuti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom jitfghu d-dubju fuq l-income tax returns ta' l-atturi ghas-snin bazici 1991 sa 1994 peress li dawn imtlew wara l-incident. Irreferew ukoll ghall-fatt li filwaqt li ta’ 60

sena meta applikat ghall-pensjoni l-attrici qalet li ma kenitx qed tahdem, wara l-1994 qalet kemm kienet tahdem meta ghalqet is-60.

Li l-attrici kellha xi postijiet li kienu licenzjati biex jinkrew bhala “holiday flats” jirrizulta mhux biss mill-“income tax returns” izda anke mid-Dok. MN1 esebit fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 1997 quddiem l-assistenta gudizzjarja. Dwar l-“odd jobs including dressmaking” li hemm imnizzel fir-“returns” hemm ix-xiehda taghha u ta’ uliedha. Id-dikjarazzjonijiet li ghamlet fir-“returns” kienu dikjarazzjonijiet spontaneji. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiskarta bhala fatt li hija kellha dhul iehor apparti l-pensjoni li kienet tippercepixxi. Kien x’kien dak id-dhul, jidher li waqaf kollu minhabba l-incident in kwistjoni. Filwaqt li l-Qorti tikkunsidra l-pretensjoni ta’ l-attrici li l-*lucrum cessans* jigi kalkolat a bazi tas-somma ta’ Lm5000 fis-sena bhala eccessiva, a bazi tad-dokumenti esibiti u tax-xiehda mismugha, il-Qorti hija tal-fehma li l-kalkolu ghandu jsir a bazi tas-somma ta’ Lm4,000 fis-sena. Kieku l-attrici kienet dizokkupata l-kalkolu kien isir a bazi tal-paga minima nazzjonali b’zieda ta’ 5% li, kif diga` ntqal aktar ‘il fuq, kien jammonta ghal Lm2641 fis-sena. Issa l-attrici fl-1994 kienet diga` qed tippercepixxi pensjoni ta’ Lm929.44. Izda hija kienet mara attiva b'potenzjal li tkompli tikkotribwixxi ghad-dhul ekonomiku tal-familja. Jirrizulta li hija kellha dhul iehor kemm minn kirjiet kif ukoll minn xi xoghlijiet ohra li kienet taghmel. Jekk qabel ma kenitx tiddikjara dak id-dhul u issa ddikjaratu ma jfissirx li ma kenitx qed taghmel xoghol bi qliegh. Fil-fatt jidher li ghal xi zmien lanqas baghtet "income tax returns" u nhargu "assessments" mid-Dipartiment li hija ma kkontestatx. Il-Qorti hija certa li kienet tkun aktar kuntenta tkompli tahdem sakemm tiflah milli ssib ruhha go “wheelchair”.

Nghaddu issa biex nikkunsidraw il-“multiplier”. L-atturi jippretendu li tintuza “multiplier” ta’ 19. Fil-kaz ta' zewgha ntuza "multiplier" ta' 10 snin. Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu japplika almenu “multiplier” ta’ 12-il sena li jwassalha ghall-eta` ta’ 73 sena.

Ghalhekk il-*lucrum cessans* ta’ l-attrici jrid jinhadem hekk:

Lm4,000 x 12 x 70% = Lm33,600.

Minn din is-somma ghandu jitnaqqas 5% ghal “lump sum payment” peress li ghaddew sitt snin mill-incident, u cioe`:

Lm33,600 - Lm1,680 = Lm31,920.

**Id-*damnum emergens***

L-atturi pprezentaw diversi dokumenti in sostenn tat-talbiet taghhom ghad-danni li huma sofrew b'konsegwenza diretta ta' l-incident:

(1) B'nota ta' l-20 ta' Jannar 1998 gew esebiti diversi rcevuti dwar spejjez medici li l-Qorti ezaminat u sabet li jgibu s-segwenti totali:

Set Dok. SS - total ta' Lm 53.12,5
Set Dok. TT - total ta' Lm 62.34
Set Dok. UU - total ta' Lm 70.08,5
Set Dok. VV - total ta' Lm227.00

Dawn b'kollox jammontaw ghal **Lm412.55**.

(2) B'nota tad-29 ta' April 1999 gew esebiti set iehor ta' rcevuti dwar spejjez medici kif ukoll rcevuta dwar "dental treatment" li kienet tinhtieg l-attrici:

Set Dok. WW - total ta' Lm100.47
Trattament dentali - Lm900.00

Dawn b'kollox jammontaw ghal **Lm1,000.47**.

(3) Waqt is-seduta tat-18 ta' Dicembru 1996 l-attrici esebiet diversi dokumenti. Minnhom il-Qorti qed takkorda s-segwenti:

L-ircevuti mmarkati bin-numri 1 sa 16, 18, u 20 sa 32 konsistenti fi spejjez medici u affarijiet relatati u ammontanti ghal **Lm422.72,7**.

Konsegwentement it-total tad-*damnum emergens* gew jammontaw ghal **Lm1,835.75**.

B'kollox ghalhekk id-danni dovuti lill-atturi jammontaw ghal Lm34,892.73

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) fuq ammissjoni tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li garbu l-atturi fl-incident in kwistjoni li sehh fis-6 ta' Frar 1994,

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm34,892.73, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata ta’ Lm34,892.73 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**